Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru 201/2015.

Wara l-ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 466 tal-Kap. 12 fl-ismijiet:

**Reuben Bonnici ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta Automated Revenue Management Services Limited (appellata)**

**Vs**

**May (recte Mary) Yvonne Cassar (appellanta)**

28 ta' April, 2017.

1. Fis-6 ta' Lulju, 2015 l-appellanti pprezentat rikors *ai termini* tal-artikolu 466(2) tal-Kap. 12, fejn opponiet it-talba tal-appellata ghall-hlas tal-ammont li jissemma fl-ittra ufficjali oggett tal-proceduri. Ir-raguni tal-oggezzjoni hi li

    i. Il-fond 242, Triq il-Kbira, Balzan ma fihx servizz tad-dawl u l-meter tal-ilma u maqlugh.
    ii. Il-fond 28, Triq Nazzarenu, Mosta ma jezistix.

2. Kien permezz ta' rikors prezentat fis-17 ta' Marzu 2016 li l-appellanti nvokat il-*privilegium fori*.

3. B'decizjoni tat-30 ta' Novembru, 2016 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) osservat li l-appellanta ma ressqitx provi li tabita f'Ghawdex. Inoltre, proceduralment l-eccezzjoni tal-*privilegium fori* ghandha titqajjem *in limine litis* u fin-nuqqas titqies li giet rinunzjata (art. 772 tal-Kap. 12). Ghaldaqstant, cahdet l-eccezzjoni.

4. L-appellanta appellat mid-decizjoni tal-ewwel qorti, ghar-raguni li:

    i. Mill-atti jirrizulta li l-appellanti hi residenti Ghawdex.
    ii. L-appellanti ma setatx irrinunzjat ghall-eccezzjoni ghaliex qatt ma kienx giet notifikata bl-avviz ta smiegh.

5. L-appellata wiegbet fejn qalet:

    i. L-appellanta ma talbitx il-permess tal-qorti sabiex tappella mid-decizjoni tal-ewwel qorti (artikolu 231 tal-Kap. 12).
    ii. Ladarba ressqet eccezzjoni preliminari, kellha taghti prova taghha u mhux tippretendi li l-qorti tiddeciedi fuq prezunzjoni jew daqslikieku kulhadd jaf li tghix Ghawdex.

iii. Semmai l-eccezzjoni kellha tinghata *in limine litis*, cjoe' fir-rikors promotur.

6. Il-qorti qrat l-atti u tosserva:

i. Hu fatt li fir-rikors promotur l-appellanti iddikjarat li l-indirizz taghha hu Mater Dei, Triq Giuseppe Cali, Ghajnsielem. Fatt li fih innifsu jista' jitqies bhala prova li tghix f'Ghawdex.

ii. Hu fatt ukoll li mill-atti jirrizulta li l-appellanta ma gietx notifikata bl-avviz ta' smiegh. Kien fis-seduta tat-2 ta' Marzu 2016 li attenda ghall-ewwel darba d-difensur taghha u nghata kopja tat-twegiba li pprezentat l-appellata. Sussegwentement fis-17 ta' Marzu, 2016 l-appellanta pprezentat rikors fejn ghall-ewwel darba nvokat il-*privilegium fori*. Pero' jibqa' l-fatt li ma kien hemm xejn x'izomm lill-appellanta milli fir-rikors promotur tghid dak li qalet f'paragrafu 1 tar-rikors li pprezentat fis-17 ta' Marzu, 2016. Dan iktar u iktar jekk wiehed kellu jaccetta t-tezi tal-appellanta li f'din il-procedura, *"id-debitur isir attur u l-kreditur isir konvenut…."*

iii. F'kull kaz, eccezzjoni ta' *privilegium fori* trid tinghata mill-imharrek. Skont l-artikolu 767 tal-Kap. 12:

*"Il-beneficcju msemmi fl-artikolu 741(c) hu moghti lill-persuni li joqoghdu fil-Gzira ta' Malta rigward il-qrati ta' dik il-Gzira, u lil dawk li joqghodu fil-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna rigward il-qorti ta' dawk il-Gzejjer"*.

L-artikolu 741(c) tal-Kap. 12 jipprovdi li eccezzjoni ta' inkompetenza tista' tinghata:

*"(c) meta hu moghti lill-konvenut il-beneficcju li jigi msejjah quddiem qorti partikolari"*.

Hu fatt li l-procedura saret wara li Arms Limited *ai termini* tal-artikolu 466(2) tal-Kap. 12 ipprezentat ittra ufficjali kontra r-rikorrenti. Pero' b'daqshekk ma jfissirx li r-rikorrenti hi l-imharrka. Irrispettivament minn x'wassal sabiex l-appellanta pprezentat ir-rikors promotur, kienet hi li harrket lil Arms Limited u talbet lill-qorti sabiex tiddikjara t-talba tas-socjeta appellata bhala wahda nfondata. Bhala l-persuna li talbet decizjoni tal-qorti ma tikkwalifikax bhala l-imharrka. Ghaldaqstant, il-qorti ma taqbilx mal-argument tal-appellanta li minhabba li r-rikors ipprezentatu in opposizzjoni ghall-ittra ufficjali prezentata minn Arms Limited, allura hi konvenuta.

iv. F'kull kaz l-ewwel qorti qieset li r-rikorrenti ssollevat eccezzjoni ta' *privilegium fori* daqslieku kienet imharrka. Tant hu hekk li l-parti dispozittiva tad-decizjoni appellata taqra:

*"Ghal dawn ir-ragunijiet, **il-qorti qeghda tichad din l-eccezzjoni tal-intimata rikorrenti**, bl-ispejjez kontra taghha".*

Dan ifisser li tat sentenza. Jekk hu hekk, fl-ewwel lok l-appellanta kellha titlob l-awtorizazzjoni tal-ewwel qorti (artikolu 231 tal-Kap. 12) qabel tipprezenta l-appell. Procedura li ma segwitx.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanta.**

**L-atti ghandhom jintbaghtu lura quddiem l-ewwel qorti sabiex tissokta bis-smiegh tal-kawza.**

Anthony Ellul.